# Personalitajiet Rabtin fil-Filatelija

## Francesco Azopardi




Fil-ktieb tal-festa tas-sena l-oħra (1985), ġibna l-bolla ta' Mons. Giuseppe De Piro, li kien membru tal-Fratellanza ta' San Ġużepp, illum se nġibu bolla oħra, ta' FRANCESCO AZOPARDI.

Fil-25 ta' April 1985, il-Gvern Malti ħareġ żewġ bolli, biex ifakkar is-Sena Ewropeja tal-Mużika. Il-bolla tat-30c kienet turi personalita' Rabtija, li hu Francesco Azopardi, mużiċista magħruf mhux biss f'Malta iżda ma' ħafna partijiet tad-dinja fil-qasam tal-mużika.

Francesco Azopardi, twieled fi Triq l-Isptar, ir-Rabat, fil-5 ta' Mejju 1748, fejn tagħmed fl-istess ġurnata fil-Katidral fl-Imdina. Interessanti hu, li fir-reġistru tal-magħmudijiet tal-Katidral, l-isem proprju tiegħu, hu: Ġiovanni Battista, Agostino, FRANCESCO u Joseph. Hu miet fis-6 ta' Frar 1809, u jinsab midfun fil-Kattedral fl-Imdina.

Fost il-ħafna mużika li kkomponna Francesco Azzopardi, li jinsabu fl-Arkivju tal-Kattidral, insibu: Antifona — "Joseph Filii David" li nkitbet fl-1784 u Innu — 'Te "Joseph Celebrant" ikkomponut fl-1787, naturalment dawn it-tnejn ġew ippreżentati lill pubbliku fil-Festa ta' S. Ġużepp waqt il-Pontifikal mill-Kapitlu Kattedrali ta' Malta, fis-snin imsemmija.

Dawn l-Innijiet reġgħu inqalgħu mill-arkivju tal-'Kattidral bil-permessi meħtieġa tal-Kapitlu u bil-għajnuna tal-Can. G. Azzopardi, fl-1981 u indaqqu fil-festa ta' S. Ġużepp Ħaddiem fil-Knisja Franġiskana ta' Ġiesu, bl-arranġamenti mużikali meħtieġa mis-Surmast Joe Galea li mexxa l-orkestra.

# Il-Fuljett "Is-Santwarju ta' San Guzepp

Fis-sena 1980, l-Arċikonfraternita' ta' San Ġużepp tagħna fuq talba ta' kummissjoni mwaqqfa għall ta' l-apposta, biex tkun tista' tipproponi ċertu azzjonijiet ta' devozzjoni lill Konsulturi ta' l-istess fratellanza, biex japprovaw dawn il-proposti u jkunu jistgħu jitwettqu.

L-ewwel ħaġa li kien hemm bżonn, kien il-publikazzjoni ta' dan il-fuljett li se nitkellmu fuqu. L-ewwel ħarġa kienet f'Diċembru 1980, u f'dawn is-sitt snin jew aħjar f'dawn il-25 ħarġa li ħarġu sal-lum, sar ħafna xogħol ta' pubbliċita' ta' devozzjoni lejn il-Patrun tagħna San Ġużepp.